**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 06 ta' Ottubru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 498/2015 AF**

**Wildlife Trading Company of New Mexico Inc (1719285), socjetà registrata fl-Istati Uniti tal-Amerika u kif lokalment rapprezentata mill-mandatarju specjali taghha l-Avukat Antoine Cremona**

**u**

**Wildlife Trading Company Limited (C-59299)**

**vs**

**Marine Aquatic Limited (C-52988)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetajiet attriċi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-soċjetà rikorrenti toffri servizzi professjonali tal-manifattura ta' oġġetti tematizzati u armar speċjalizzat u relatat ma' ħwienet magħrufin bħala '*Gift Shops*' u dan is-servizz toffrih fuq skala internazzjonali tramite diversi kuntatti li għandha f'diversi pajjizi madwar id-dinja principalment f'Theme Parks, Zoos u postijiet simili.

Il-kontendenti daħlu f'relazzjoni ta' negozju għall-armar, installazzjoni, disinn, twaħħil kif ukoll il-konsenja u provvista tal-oġġetti u apparat neċessarju għall-*Gift Shop* li jifforma parti mill-proġett tal-Akkwarju Nazzjonali ta' Malta fil-Qawra, fdat mill-Gvern Malti lis-soċjetà intimata Marine Aquatic Limited.

Qabel ma nfetaħ l-imsemmi Akkwarju Nazzjonali, bejn il-kontendenti kienu saru diskussjonijiet dettaljati għal iktar minn tmintax (18)–il xahar dwar l-għoti ta' kuntratt dwar il-ħanut in kwistjoni, il-proposti dwar l-elementi essenzjali kollha tal-ftehim bejn il-partijiet kienu ġew determinati u preċizati, il-prezz kien negozjat u ikkonfermat u l-intendiment ta' dawn in-negozjati kien li kellhom iwasslu għall-konkluzzjoni formali li permezz tagħha s-soċjetà rikorrenti kellha tinħatar bħala fornitur esklussiv għal ħames snin ta' servizzi ta' *Gift Shop* liema servizz kien jinkludi l-fornitura kollha tal-ilbies *custom made* bit-tema tal-Akkwarju ta' Malta, ġojjellerija, ġugarelli, ritratti u ħafna oġġetti oħra li setgħu jinbiegħu biss mill-Akkwarju propju għaliex ħafna minnhom kienu magħmula appożitament għall-akkwarju.

Is-soċjetà intimata, tramite r-rapprezentanti tagħha, dejjem tat assikrazzjoni lis-soċjetajiet rikkorrenti li kollox kien ser jimxi kif intiż u nnegozjat u kien għalhekk li s-soċjetà rikorrenti daħlet fi spejjez a bazi tal-arranġamenti pre-kontrattwali ta' bejn il-partijiet u tal-assikrazzjonijiet premessi peress illi kien ċar mill-korrispondenza vasta bejn il-kontendenti, illi l-partijiet ma kienux għadhom fi stadju ta' negozjar ġeneriku iżda li n-

negozjati kienu konkluzi u kienu wasslu fi stat komplet riesaq għall-eżekuzzjoni u l-implementazzjoni tal-kuntratt. Kien jonqos biss il-firma formali tal-istess.

Fil-frattemp is-soċjetà attriċi estera kienet fil-fatt diġà, fuq struzzjonijiet tas-soċjetà intimata, bdiet tesegwixxi in assoluta *buona fede* obbligi inġent imposti mis-soċjetà intimata inkluz il-fornitura estensiva lilhom ta' proprjetà intelletwali, il-manifattura ta' inventarju ta' oġġetti *custom made* u dan oltre it-trasferiment ta' *know how* flimkien mal-għarfien tal-industrija speċifika ħafna u dawn l-ispejjez inkorrithom ġenwinament bl-aspettativa ta' ftehim vinkolanti bejnha u bejn is-soċjetà intimata. Kif ser jiġi ampjament ppruvat fit-trattazzjoni ta' din il-kawża dan kollu sar minħabba l-iskadenzi qosra u l-urġenza li biha s-soċjetà intimata kienet dejjem timbotta lis-soċjetà estera rikorrenti sabiex timplementa l-arranġament ta' bejniethom.

Tant kemm dan l-istat ta' fatt kien ċar għas-soċjetà rikorrenti illi hija waqqfet kumpanija ssusidjarja f'Malta bl-isem Wildlife Trading Company Malta Limited, bin-numru ta' reġistrazzjoni C-59299 (is-soċjetà rikorrenti l-oħra) u din il-kumpanija twaqqfet proprju sabiex tkun tista' tikkonkludi u tidħol fil-ftehim konklussiv mas-soċjetà intimata bħala l-fornitriċi esklussiva tal-*Gift Shop* fl-Akkwarju Nazzjonali ta' Malta, għal ħames snin.

Wara l-konkluzjoni tan-negozjati dwar il-kundizzjonijiet essenzjali tal-kuntratt u fil-fazi tat-trattativi fejn kienet ġià tezisti ċerta responsabbilità pre-kontrattwali u ftit qabel il-firma formali tal-ftehim, it-trattativi ġew interrotti kapriċċjosament u bla raġuni kompredibIli ħlief għal *mala fede* jew negligenza grossolana a skapitu tas-soċjetajiet rikorrenti.

Bħala konsegwenza tal-aġir tas-soċjetà intimata, s-soċjetà rikorrenti soffriet danni u dan kif ser jiġi ppruvat tul is-smiegħ tal-kawza.

Għalkemm ġew interpellati diversi drabi biex jagħtu lill-atturi dak li kien ġie lilhom imwiegħed u fin-nuqqas jersqu għall-likwidazzjoni u ħlas ta' danni, inkluż permezz ta' żewġ interpellazzjonijiet ġudizzjarji (DOK AGC 1 u AGC 2), is-soċjetà

intimata baqgħet inadempjenti anzi ċaħdet kull responsabbiltà, ħadet l-ideat u n-*knowhow* fornut mis-soċjetà estera rikorrenti f'dan is-settur għaliex l-intimata qatt ma operat f'dan is-settur u fetħet l-operat tagħha mingħajr l-involviment tas-soċjetajiet rikorrenti jew min minnhom u mingħajr ma kkumpensathom lanqas tal-materjal *bespoke* magħmulin apposta għall-Akkwarju Nazzjonali ta' Malta.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li meta sfrattat in-negozjati ta' bejn il-partijiet fi stadju fejn ormai kienu prattikament konklużi dawn l-istess negozjati in kontemplazzjoni tal-kuntratt ta' bejniethom, is-soċjetà intimata għamlet hekk b'ingann, b'mala fede u/jew b'negliġenza grossolana u hija għalhekk unikament responsabbli għad-danni sofferti mis-soċjeta rikorrenti li leġittimament kienet qed tistenna l-konklużjoni tal-kuntratt.

2. Sussidjarjament għal tali dikjarazzjoni, tillikwida d-danni, occorrendo permezz ta' periti nominandi, sofferti mis-soċjetà attriċi kaġun ta' l-imsemmi aġir tas-soċjetà intimata.

3. Tikkundanna s-soċjetà intimata għall-ħlas tad-danni likwidati.

Bl-ispejjeż ta' dawn l-atti u l-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjeta intimata li minn issa qed tiġi inġunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjetà intimata Marine Aquatic Limited, li permezz tagħha eċċepiet illi:

Preliminarjament, it-talbiet rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez għaliex entità kummerċjali f'Malta m'għandha l-ebda obbligu legali illi, fl-istadju ta' negozjati, tidħol fi ftehim formali ma' entità oħra jekk ma jkunx għad hemm qbil f'dan ir-rigward miż-żewg partijiet.

Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet oħra u kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża odjerna, t-talbiet tas-soċjetà attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-kumpannija konvenuta dejjem aġġixxiet in *buona fede* u l-allegazzjonijiet ta' *mala fede*, ingann u/jew negliġenza grossolana huma respinti u mingħajr bażi.

Ma ntlaħaq l-ebda ftehim bejn il-partijiet iżda kien hemm biss perijodu ta' negozjati mingħajr konklużjoni u dan peress li l-konvenuta ħasset li l-rikorrenti Wildlife Trading Company ta' New Mexico ma kienetx qed tinnegozja in *buona fede* u għalhekk ma kkonkludiet ebda ftehim, u li għalhekk, l-istess talbiet għandhom jiġu miċħuda kollha bl-ispejjez kontra s-soċjetà rikorrenti.

Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet oħra, ż-żewġ partijiet huma familjari mar-riskji kummerċjali li huma marbuta mal-fażi tan-negozjar qabel ma jiġi konkluz ftehim kummerċjali (bil-miktub) u allura ma jistax jiġi pretiz xi ħlas jew kumpens li trid tħallas is-soċjetà intimata li wara kollox, dejjem innegozjat in *buona fede*.

Il-kumpannija rikorrenti Wildlife Trading Limited ma għandha ebda *locus standi* f'dawn il-proċeduri.

Il-mandatarju l-avukat Dottor Antoine Cremona jrid jipprova l-mandat tiegħu sabiex jiftaħ u jikkonferma bil-ġurament dawn il-proċeduri u jippreżenta mandati kawtelatorji.

Id-danni jridu jiġu ppruvati.

Salv eċċezzjonijiet oħra li jistgħu jitressqu skond il-liġi.

***Dikjarazzjoni ta' fatti ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:***

Fl-ewwel lok u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, t-talbiet kollha tal-atturi għandhom jiġu miċħuda għaliex huma bbażati fuq il-kunċett ta' *precontractual responsibility* li ma jiffurmax parti tad-duttrina lokali.

Mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma ntlaħaq l-ebda ftehim ma' Wild Life Trading Company of New Mexico Inc sempliċement minħabba n-nuqqas ta' qbil tat-termini li kienu qed jiġu nnegozjati.

Ftit qabel ma kien se jiġi ffirmat il-kuntratt in kwistjoni (li ma kien xejn ħlief abozz), is-soċjetà rikorrenti talbet *circa* disgħin elf ewro (EUR90,000.00) minnghand l-konvenuta biex isir xogħol ta' *shelvin*g li skond il-konvenuta kellu jitħallas mir-rikorrenti estera u mhux minnha.

Minħabba dan in-nuqqas ta' qbil u minħabba ntransiġenza da parti tar-rikorrenti estera, l-konvenuta ma ħassitx li setgħet tikkonkludi kuntratt magħha.

Barra minn hekk, is-socjetà konvenuta ħasset illi fil-kuntest ta' proġett t'interess nazzjonali bħal dan tal-Akkwarju Nazzjonali Malti (li Marine Aquatic Limited dejjem kienet se tibqa' responsabbli għalih, u dan taħt obligazzjonijet kuntrattwali mal-Gvern ta' Malta) relazzjoni professjonali ma' soċjetà bħas-socjetà rikorrenti (li tuża manuvri żlejali u '*hidden costs*' biex tieħu iktar milli kien diskuss verbalment preċedentement) ma kienx se jkun possibbli. Huwa pjuttost ovvju allura illi ma seta' qatt jiġi ffirmat l-abozz tal-kuntratt bejn il-partijiet kif reġa gie kkomunikat lis-soċjetà attriċi permezz ta' *email* datata 15 ta' April 2013 li ntbaghtet f'isem id-diretturi tas-soċjetà intimata [Dokument 'MA1'].

L-aġir tas-soċjetà rikorrenti estera mhux biss ħoloq imprevist serju għas-soċjetà Marine Aquatic Limited iżda seta jfixkel ukoll ir-relazzjoni bejn Marine Aquatic Limited u l-Gvern ta' Malta (speċjalment minħabba l-obligazzjonijiet illi kien hemm mal-Unjoni Ewropeja dwar fondi għal dan il-progett) u fil-fatt, is-socjetà Marine Aquatic Limited ippreżentat ittra ufficjali fl-1 ta' Awwissu 2013 (Dokument 'MA2') fejn żammet lir-rikorrenti estera responsabbli għad-danni li soffriet minħabba għemilha.

Rigward l-allegata *malafede*, tajjeb li jiġi nnotat li s-soċjetà ntimata, batiet ammont ta' spejjez (inlużi dawk legali) biex tinnegozja (fit-tul) mas-soċjetà rikorrenti estera u tipprova ssib

soluzzjoni għall-problemi li ħolqot is-soċjetà rikorrenti estera stess u tajjeb li jiġi nnotat li tant kienet in *buona fede* s-soċjetà intimata, illi din refgħet diversi spejjez oħra biex, fost affarijiet oħra, bl-iktar mod trasparenti, ġabet il-kunsens bil-miktub tal-Gvern ta' Malta (Dokument `MA3') biex il-Wild Life Trading Company tkun tista' topera l-*Gift Shop* tal-Akkwarju nazzjonali (u dan taħt klawsola fil-kuntratt bejn il-Gvern u l-Marine Aquatic li tippermetti '*sub contracting*' f'ċertu istanzi) u dan mingħajr ebda assistenza tal-istess Wild Life Trading Company. Huwa ovvju li dan kollu sar mis-soċjetà ntimata bi ħsieb illi l-partijiet jidħlu fi ftehim formali ma xulxin (fatt illi ma sarx possibbli minħabba r-raġunijiet imsemmija hawn fuq).

Dwar '*know how*' u proprjetà ntelletwali, mill-provi li sejrin jitressqu fil-mori tal-kawża joħroġ b-mod evidenti lli l-*Gift Shop* tal-Akkwarju m'għandu xejn li b'xi mod għandu x'jaqsam jew b'xi mod sar bil-kontribuzzjoni tal-Wild Life Trading Company. La darba s-soċjetà rikorrenti marret lura fuq il-proposta tagħha stess (bil-miktub) illi tipprovdi ċerti affarjiet bħal-'*furnishings*' a spejjez tagħha stess, is-soċjetà ntimata Marine Aquatic Limited għamlet arranġamenti indipendenti biex dan il-*Gift Shop* jitlesta fi zmien qasir u li jiġi operat f'livell għoli ta' kwalità u dan għaliex is-soċjetà ntimata ma riedet (u għad ma tridx) li jkollha xejn x'taqsam mas-soċjetà rikorrenti estera wara dak li ġara fi żmien daqshekk kritiku għall-finalizzazzjoni tal-proġett kollhu.

Wara dan kollu, s-soċjetà ntimata xorta waħda, in *buona fede* kienet disposta tinnegozja mas-soċjetà attriċi estera fuq xi oġġetti jew '*merchandise*' li s-soċjetà attriċi xtaqet tbiegħ lis-soċjetà ntimata (fl-ammont ta' madwar tmenin elf ewro (€80,000) u li inċidentalment tidher li hija r-raġuni ewlenija li wasslet lis-soċjetà attriċi tiftaħ din il-kawża) iżda peress illi s-socjetà ntimata qatt ma rċeviet *is-samples* mitluba minnha, r-rapprezentant legali tas-soċjetà intimata nfurma lir-rappreżentant legali f'Malta tas-soċjetà attriċi estera permezz t'ittra datata 12 ta' Novembru 2013 li l-offerta tas-soċjeta` attriċi ma ġietx accettata mis-soċjetà ntimata [ara Dokument 'MA 4']. Is-soċjetà ntimata reġgħet irrespinġiet l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tas-soċjetà attriċi permezz t'ittra uffiċjali datata 27 ta' Novembru 2014 [Dokument 'MA 5'].

Fiċ-ċirkostanzi, s-soċjetà ntimata kellha tinqeda minn entitatjiet oħrajn biex ikun jista jinfetaħ il-*Gift Shop* (u l-Akkwarju Nazzjonali Malti) mingħajr iktar dewmien.

L-allegazzjonijiet ta' *mala fede*, qerq u negliġenza grossolana huma respinti.

Il-kumpannija rikorrenti Wildlife Trading Company Limited m'għandhiex interess ġuridiku fil-proċeduri.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet indikati hawn fuq, il-kumpanija Wild Life Trading Company of New Mexico Inc kienet unikament responsabbli għan-nuqqas illi jintlaħaq ftehim bejn il-partijiet u għar-raġunijiet indikati hawn fuq, is-soċjetà ntimata ma kellha l-ebda obbligu li tixtri l-merkanzija offerta mill-istess soċjetà attrici.

L-esponent jaf b'dawn il-fatti hawn fuq dikjarati personalment.

**Ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12,** u fid-dawl tas-suespost, jiġi dikjarat illi l-fatti allegati fir-rikors promotur qed jiġu kkontestati fl-intier tagħhom u jeħtieg illi jiġu ppruvati, u jimmeritaw li jiġu miċħuda bl-ispejjez.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi din hija kawża għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni pre-kuntrattwali. Mill-provi prodotti jirriżulta li s-socjetà attriċi

Wildlife Trading Company of New Mexico Inc (minn issa 'l quddiem imsejjħa 'Wildlife') u l-intimata Marine Aquatic Limited (minn issa 'l quddiem imsejħa 'Marine Aquatic') kienu daħlu f'negozjati intizi biex Wildlife tieħu f'idejha l-ġestjoni tan-negozju tal-ħanut ossia *gift shop* tal-Akkwarju Nazzjonali ta' Malta. Marine Aquatic hija l-operatriċi tal-akkwarju.

In-negozjati kienu qegħdin isiru prinċipalment bejn James Ward għan-nom ta' Wildlife u Mark Pace għan-nom ta' Marine Aquatic. Ward jispjega li l-kumpannija li huwa jirrappreżenta toffri servizzi relatati mal-manifattura ta' oġġetti u disinn speċjalizzat għall-ħwienet magħrufa bħala '*gift shops*' u li din ħadmet fuq diversi proġetti madwar id-dinja. Huwa kien bagħat il-proposta ta' Wildlife lil Marine Aquatic fit-22 ta' Frar 2012.

Dwar l-investiment tagħha, Wildlife ipproponiet hekk:

> *"The value of WTC's investment will be up to €190,000. This investment includes the install of the corporate POS system, green screen photo operations equipment, inventory and the costs to design and open the new store concept. The Aquarium is responsible for complete retail shell, flooring, lighting, painting and fixtures and fittings. Due to limited experience on the costs and manufacturing fixtures in Malta, the investment for fixtures was not included in this proposal. WTC is willing to discuss making the investment for these."*

Peress illi din il-proposta ntlaqgħet b'mod tajjeb, huwa ġie Malta f'Mejju tal-istess sena u għamel presentazzjoni lid-diretturi ta' Marine Aquatic. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti wkoll Mark Pace.

Fl-affidavit tiegħu Ward jgħid illi huwa kien għamilha ċara waqt din il-presentazzjoni li l-investiment ta' Wildlife ma kienitx tinkludi l-attrezzaturi tal-ħanut. Ikompli billi jgħid li Salvu Ellul, wieħed miż-żewġ diretturi ta' Marine Aquatic, kien staqsieh dwar xi kemm ser jiġu jiswew l-attrezzaturi tal-ħanut u li huwa kien wieġbu 'madwar $75,000' imma li kien qiegħed jibbaża din il-figura fuq prezzijiet tal-Amerika peress illi ma kellux

esperjenza fis-suq Malti. Madanakollu, mill-provi tirriżulta korrispondenza bejn Ward u Pace u ċioè *e-mail* ta' Ward lil Pace tal-15 ta' Ġunju 2012 fejn fil-fatt kien qallu:

> "*With regards to the cost to build out the store, we are able to estimate between 33,000 Euro to 42,000 Euro delivered for fixtures. There would be some minimal installation required as well. Once we get the floor plans, we can turn around a more exact cost since we will have measurements and a better understanding of the exact fixtures needed.*"

L-attrezzaturi jissemmew ukoll f'*e-mail* mingħand Ward lil Pace tat-23 ta' Ottubru 2012 fejn informah illi '*our fixture group is designing the store now and we will have more information on cost soon.*'

L-ewwel abbozz tal-kuntratt intbagħat fit-13 ta' Awwissu 2012 iżda Ward jgħid li ma rċieva l-ebda risposta qabel Ottubru. F'Diċembru tal-istess sena huwa jgħid li reġa ġie Malta sabiex il-partijiet jiffinalizzaw il-ftehim. Jgħid li ma ġie diskuss xejn dwar l-investiment li kienet se tagħmel Wildlife imma li d-diretturi ta' Marine Aquatic kienu tawh struzzjonijiet verbali biex jibda jaħdem fuq il-proġett – disinn u xiri ta' merkanzija.

Mhux kontestat illi n-negozjati kienu fi stadju avvanzat f'Marzu tal-2013 tant illi kien diġà ġie skambjat abbozz tal-kuntratt finali. Wildlife sa anke waqqfet kumpannija sussidjarja, ir-rikorrenti l-oħra, sabiex tkun tista' tiffirma l-ftehim finali hi ma Marine Aquatic.

Għalkemm mill-abbozz tal-kuntratt jirriżulta li kien għad hemm numru ta' pendenzi li riedu jiġu riżolti qabel il-partijiet setgħu jiffirmaw, permezz ta' *e-mail* tal-14 ta' Marzu 2013, l-Avukat Dottor Antoine Camilleri bħala l-konsulent legali ta' Marine Aquatic bagħat lil Ward l-abbozz tal-kuntratt bl-aħħar emendi u talbu, '*Kindly prepare a clean version of the agreement including the details of the Maltese subsidiary so that we will be able to conclude.*'

Mill-abbozz tal-kuntratt li ntbagħat fl-14 ta' Marzu 2013 jirriżultaw is-segwenti klawżoli li huma rilevanti għall-kawża

tal-lum. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' Marine Aquatic, kien imniżżel li din:

> "*shall perform completion of the Gift Shop Outlets including installation of all fixtures, fittings, flooring, lighting, office furniture, storage fixtures and such other items of works listed at Exhibit C hereto, and in accordance with such plans and specifications described in Exhibit C hereto ("Owner's Work"). Owner's Work shall be performed (i) in a good and work-like manner using materials comparable to equivalent materials for work performed by a Facility Operator in other retail space in similar resorts and facilities, and (ii) in accordance with all applicable requirements.*"

Ġie mniżżel ukoll li Wildlife:

> *"is permitted to use all Equipment or Assets located in the Gift Shop Outlets as at the Date of Delivery, but any such Equipment or Assets will remain the property of the Facility Operator;"*

Dawn l-hekk imsejħa '*Equipment or Assets*' kellhom jinkludu '*fixtures, furniture, furnishings and other property of every kind and nature whatsoever used in connection with the Gift Shop Outlets.*'

Wildlife kienet diġà għamlet l-ewwel ordni għall-merkanzija għall-ħanut u bdiet taħdem fuq id-disinn tal-post. Minkejja li Wildlife ma kellhiex awtorizzazzjoni bil-miktub biex tibda tixtri l-merkanzija, mill-atti tal-kawża l-Qorti hija sodisfatta li Marine Aquatic kienet taf b'dan. Fi Frar 2013, Wildlife kriet appartament Malta għall-Operations Manager li kien ġej minn barra sabiex jissorvelja l-ftuħ tal-ħanut. Pace kien jaf li Wildlife kien beħsiebha tikri appartament Malta tant li kien hu li rrakomanda numru ta' sensara lil Ward.

Permezz ta' ittra tat-13 ta' Marzu 2013, Marine Aquatic ingħatat permess mingħand il-Gvern ta' Malta sabiex tissubappalta il-ġestjoni tan-negozju tal-ħanut lil Wildlife. Skont l-istess ittra, Marine Aquatic kienet ilha li għamlet talba

formali għal dan il-permess mit-12 ta' Novembru tas-sena ta' qabel. Jirriżulta għalhekk illi l-kuntratt bejn il-partijiet żgur li ma setax jiġi ffirmat qabel ma ħareġ il-permess mingħand il-Gvern.

Il-kwistjoni bejn il-partijiet qamet ftit tal-ġranet wara meta fid-19 ta' Marzu 2013, Wildlife bagħtet lil Marine Aquatic fattura ta' $74,333.27 mingħand Opto International Inc, kumpannija Amerikana, għall-attrezzaturi bħall-vetrini, xkafef u għamara oħra għall-ħanut. Din il-fattura ma kienitx tinkludi taxxi u dazju sabiex l-oġġetti jiġu importati Malta. Jidher li Wildlife kienet qiegħda tinsisti li dawn l-attrezzaturi tħallashom Marine Aquatic u riedet bilfors li jiġu importati mill-Istati Uniti. Marine Aquatic tinsisti li l-ftehim kien illi dawn l-attrezzaturi tħallashom Wildlife stess bħala parti mill-investiment tagħha. Peress illi Marine Aquatic ħasset li Wildlife kienet qiegħda tipprova tieħu vantaġġ mis-sitwazzjoni, u ċioè li ż-żmien kien qed joqrob biex l-akkwarju jkun jista' jiftaħ għall-pubbliku, hija temmet in-negozjati ma' Wildlife u minflok daħlet fi ftehim ma operatur lokali sabiex jieħu f'idejh il-ġestjoni tan-negozju tal-ħanut.

Wildlife tgħid illi meta temmet ħesrem in-negozjati ta' bejniethom, Marine Aquatic għamlet hekk b'ingann, *mala fede* u/jew b'negliġenza grossolana u minħabba f'hekk ikkawżatilha danni. Wildlife tinsisti li ma kien hemm l-ebda raġuni valida sabiex Marine Aquatic twaqqaf it-trattativi.

Wara li Marine Aquatic temmet it-trattativi ma' Wildlife, jidher li l-partijiet ippruvaw jaslu għall-ftehim dwar il-merkanzija li laħqet ordnat Wildlife, iżda qatt ma ntlaħaq ftehim prinċipalment għaliex il-kampjuni tal-merkanzija waslu għand Marine Aquatic biss wara li nbdiet din il-kawża.

Marine Aquatic ressqet numru ta' eċċezzjonijiet ta' natura preliminari. Fl-ewwel lok teċċepixxi li l-istitut tad-danni pre-kuntrattwali mhuwiex rikonoxxut fis-sistema legali tagħna.

Il-kunċett ta' '*pre-contractual liability*' mhux imsemmi fil-liġi tagħna, bħal ma jeżisti f' pajjiżi oħra. Fil-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna nsibu numru ta' kawżi fejn il-Qrati kienu kawti u rrespinġew talbiet ghad-danni konsegwenza ta' ftehim verbali,

jew negozjati biss, anke biex dan ma jservix ta' deterrent għan-negozju nnifsu.

Il-kwistjoni kienet ġiet trattata fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell mogħtija fil-5 ta' Mejju 1967 fil-kawża Giuffrida vs Borg Olivier. Hemm ingħad hekk:

> "*Già intqal illi fil-fehma ta' din il-Qorti bejn il-partijiet kien ghad ma hemm ebda kuntratt konkluz imma kien hemm negozjati jew trattativi li eventwalment kellhom iwasslu, kieku tkomplew, ghal konkluzjoni ta' kuntratt. Issa anki jekk jinghad kif tghid is-socjetà appellanti illi anki fil-fazi tat-trattativi tista' tezisti certa responsabilità pre kontrattwali jekk it-trattativi jigu interrotti kapricjosment (assumendo ghall-grazzja tal-argoment li din id-dottrina hi accettabbli fil-ligi taghna u li bhala fatt l-appellanti interrompew it-trattativi bla raguni gusta) ir-responsabilità li jista' jkun hemm lok ghaliha skont l-awtoritajiet li gew sottomessi ghall-ezami tal-Qorti hi dik biss tar-rifuzjoni ta' certi danni konsistenti fil-mizura ta' dak li jissejjah interess negattiv. L-attenzjoni tal-Qorti ma giet attirata ghal ebda awtorità u l-qorti stess ma taf bl-ebda principju li jghid illi parti wahda fit-trattativi jew negozjati ma ghandhiex dritt tirrecedi minnhom jew tinterrompihom sa kemm il-kuntratt ma jkunx gie konkjuz salv talvolta biss f'certi kazi (jekk tigi accettat t-teorija tar-responsabilità prekontrattwali) dik ir-responsabilità ghad-danni.*"

Madanakollu, fis-sentenza John Pullen pro et noe vs Manfred Gunter Matysik et, pronunzjata mill-Qorti tal-Appell, Sede Kummerċ, tas-26 ta' Novembru 1971, fejn ġiet trattata materja fir-rigward ta' wegħda ta' lokazzjoni ta' ħanut fil-Hotel Hilton, ġie ritenut rigwardanti d-danni:

> "*….it is clear that at law these are those flowing from the breach by defendant of his obligation arising from a valid agreement 'de ineundo contractu'.*"

F'dak il-każ, il-Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq il-kunċett tad-danni, u mhux wisq fuq il-kunċett ta' '*pre-contractual liability*'. B'referenza għad-danni mitluba irribadiet li:

> *"the damage to which plaintiffs are entitled are however to be restricted to the actual losses they incurred up to the time that the negotiations broke down whether they consist in actual expenses incurred or depreciation of material or otherwise, but are not to include any profits which they would have derived from the concession of the boutique as in that way, they would be benefitting from an obligation which never came into existence."*

Fil-kawża Cassar vs Campbell Preston, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fid-19 ta' Novembru 1971, minħabba l-fattispeċe partikolari tal-każ, il-kunċett ta' '*pre-contractual liability*' kien respint għax dik id-dottrina ma tiffurmax parti mis-sistema ġuridiku Malti u ma kellhiex tkun aċċettata għaliex altrimenti ħadd ma jidħol f'negozjati minħabba l-biża' li jista' jinstab responsabbli għad-danni.  Din il-Qorti tirrimarka li din is-sentenza hija waħda mill-ftit għaliex deċiżjonijiet oħra, kif rajna, li kien hemm qabel kif ukoll wara din is-sentenza ttraċċjaw linja diversa u ma għalqux il-bieb għat-twettieq tal-kunċett mhux daqstant kif sar f'pajjizi oħra iżda taħt il-kap ġenerali tad-danni risultanti minn delitt jew quasi delitt b'akkorgimenti appositi.

Fil-kawża Grixti vs Grech, deċiża fit-3 ta' April 1998, din il-Qorti diversament presjeduta ċaħdet it-talbiet attriċi għal danni riżultanti minn responsabilita' pre-kontrattwali iżda rriteniet li azzjoni simili setgħet tintlaqa' fejn,

> *"il-parti l-wahda li tkun inkorriet in buona fede certu spejjes, bl-aspettativa ta' ftehim vinkolanti bejnha u bejn parti ohra, u dik il-parti l-ohra li tkun b'kapricc u kwazi malafede jekk mhux necessarjament b'ingann jew b'qerq, itterminat in-negozjati fi stadju fejn il-kunsens reciproku tal-partijiet kien identiku dwar il-kundizzjonijiet essenzjali tal-ftehim, izda ma sehhx b'konsegwenza ta' dan il-kapricc."*

Aktar riċenti, fis-sentenza fl-ismijiet Frank Portelli noe vs Onor. Michael Falzon et, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta' Mejju 2001, intqal hekk:

*"Min jidhol f'negozjati ma' haddiehor bi hsieb li jikkonkludi kuntratt jista' jallega li kien 'unfairly treated' u, kwindi, jitlob danni taht id-dottrina ta' 'pre-contractual liability'. F'dan il-kaz, però, mhux biss talba ghad-danni ma saritx, izda, lanqas ma jirrizultaw cirkostanzi ta' qerq da parti ta' l-awtoritajiet.*

*Biex wiehed jista' jirreklama danni f'dawn ic-cirkostanzi jrid jipprova terminazzjoni ingustifikat tan-negozjati b'agir li kwazi jekwivali ghal dolus; f'dan il-kaz dan ma jirrizultax."*

Tal-istess linja ta' ħsieb hija s-sentenza ta' Alfred Attard et vs Paolo Xuereb et pro et noe, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-13 ta' Ottubru 2003, fejn intqal:

*"Illi fil-fehma tal-Qorti sabiex wiehed jista' jirreklama danni riizultanti minn responsabilita' pre-kontrattwali huwa jrid jipprova li t-terminazzjoni jew it-twaqqif tan-negozjati ma kienx gustifikat u li l-agir ta' min waqqaf in-negozjati irid ikun ekwivalenti ghal dolus. F'dawk ic-cirkostanzi d-danni li ghandhom jigi likwidati ghandhom ikunu limitati biss ghal spejjes realment inkorsi fil-kors tan-negozjati u konnessi ma' l-istess negozjati u mhux ghal eventwali telf ta' qliegh."*

Finalment, il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza fil-kawza Anthony Baldacchino noe vs Ic-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-11 ta' Ottubru 2006 fejn ġie ritenut li:

*"Issa huwa veru dak li jinsab ritenut illi "il rapporto giuridico nasce appena sorga il vincolo creatore della obbligazione; e lo stesso vincolo si considera effetuarsi quando vi è l' unione della proposta e della accettazione, perche in quel momento si immedesimano in modo tale da creare il vincolo. L'offerta, però, perche possa produrre tale effetto così importante nel campo giuridico da costringere l'offerente alla precisa esecuzione della proposta da lui previamente fatta e in difetto, al risarcimento dei danni, deve essere precisa e determinata … … …" (Kollez. Vol. XXVIII P I p 629). Anke, però, fl-assenza ta' dan il-vinkolu,*

*id-dannu kapaci jinholoq, avolja l-kwestjoni tkun ghadha fil-fazi inizzjali ta' l-offerta. Hemm raguni fundamentali ghal din il-proposizzjoni;*

*Innegabilment, il-metru ta' dik il-bona fide li jippreciza l-Artikolu 993 tal-Kodici Civili, u li bih jitkejjel l-ezekuzzjoni tal-kuntratti in generali, ghandu jkollu, b' adozzjoni, post xieraq anke fl-istajdi anterjuri ghall-konkluzjoni tal-kuntratt. Hekk bil-metru ta' dan l-istess principju l-parti li tghid li ssubiet dannu tista' ggib 'il quddiem prova ta' mgieba soggettiva ta' malafede fil-kontroparti jew anke prova ta' kondotta merament kolpuza fejn dik il-kontroparti tkun, bla motiv gust, naqset b' tali mod li twassal biex teludi l-aspettattivi ta' l-offerent fejn dan ikun ippresta fidi, bl-offerta tieghu, fuq il-konkluzjoni tal-kuntratt."*

Stabbilit dan kollu, din il-Qorti tqis illi l-pretensjonijiet u talbiet attriċi jimmeritaw li jiġu eżaminati minnha fl-isfond tal-prinċipji ġurisprudenzjali li jirriżultaw mill-każijiet hawn fuq ċitati.

Marine Aquatic teċċepixxi preliminarjament ukoll li r-rikorrenti Wildlife Trading Limited m'għandha l-ebda locus standi f'dawn il-proċeduri. Mill-atti tal-kawża jirriżulta li din il-kumpannija kienet irreġistrata fit-13 ta' Frar 2013 proprju sabiex tidher hi fuq il-kuntratt li kellu jiġi ffirmat ma' Marine Aquatic, li da parti tagħha kienet taf bl-intenzjoni ta' Wildlife li tiftaħ kumpannija sussidjarja hawn Malta. Fil-fehma tal-Qorti, minn dakinhar tar-reġistrazzjoni tagħha din is-soċjetà wkoll effettivament daħlet f'relazzjoni pre kuntrattwali ma' Marine Aquatic.

Marine Aquatic teċċepixxi wkoll illi l-Avukat Dottor Antoine Cremona jrid jipprova l-mandat tiegħu sabiex għamel din il-kawża f'isem Wildlife. Sabiex persuna tippreżenta kawża għan-nom ta' persuna oħra li tkun assenti minn Malta u biex tidher fil-kawża f'isem dik il-persuna, il-mandat m'hemmx għalfejn ikun bil-miktub. Mandat jista' jingħata b'att pubbliku, b'kitba privata, b'ittra, bil-fomm jew ukoll taċitament sakemm ma jkunx hemm xi disposizzjoni speċjali oħra tal-liġi (atikolu 1857(2) tal-Kodiċi Ċivili). Il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li Dottor Antoine Cremona ġie awtorizzat jippreżenta din il-kawża f'isem ir-rikorrenti.

Il-Qorti ser tindirizza l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-intimati fil-konsiderazzjonijiet li ser tagħmel dwar il-mertu tal-każ.

Il-qofol tal-kwistjoni bejn il-partijiet f'din il-kawża huwa dwar jekk kienx hemm qbil espliċitu jew mqar taċitu dwar min kellu jħallas għal famużi attrezzaturi għall-ħanut. Wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha prodotti, din il-Qorti hija sodisfatta mill-provi li Marine Aquatic kienet taf, jew kien imissha kienet taf illi għal dawn l-attrezzaturi kellha tħallas hi. Huwa ċar kemm mill-proposta inizjali ta' Wildlife u kemm mill-kliem maqbul fl-abbozz tal-ftehim illi fl-ebda stadju ma ġie maqbul li Wildlife kienet ser tinvesti wkoll fl-attrezzaturi tal-ħanut.

Madanakollu, minn imkien ma jirriżulta li l-partijiet qatt ftehmu li Wildlife kellha tiddeċiedi hi minn fejn ser jinxtraw dawn l-attrezzaturi. Fil-fatt, fil-proposta inizjali tagħha hija tikteb li '*Due to limited experience on the costs and manufacturing fixtures in Malta, the investment for fixtures was not included in this proposal.*'

Wildlife ma tikkontestax ix-xhieda ta' Pace meta xehed illi Ward ried bilfors li l-attrezzaturi jiġu importati mill-Istati Uniti. Ladarba l-investiment kienet ser tagħmlu Marine Aquatic, u ladarba wkoll il-partijiet qatt ma ftehmu li dawn l-attrezzaturi jridu jiġu bil-fors mill-Istati Uniti, Marine Aquatic kellha kull raġun tinsisti li tara x'issib fis-suq lokali qabel timporta mas-$74,000 attrezzaturi. Dan speċjalment meta ftit tax-xhur qabel ma bagħat il-fattura, Ward kwota lil Pace prezz ferm inqas bħala spejjeż għal dawn l-attrezzaturi.

Għal kull buon fini, il-Qorti tirrileva li dak li ġara wara, u ċioè fir-rigward tal-kampjuni tal-merkanzija li Marine Aquatic tgħid li rat biss wara li nfetħet din il-kawża, ftit li xejn jiswa għall-mertu li qiegħed jiġi deċiż illum.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u peress li l-Qorti tħoss li ma ġiex muri li Wildlife għamlet sforz tanġibbli sabiex tinstab soluzzjoni għan-nuqqas ta' qbil dwar l-investiment tal-attrezzaturi, ma jistax jingħad li Marine Aquatic ma kellhiex raġuni tajba sabiex ittemm in-negozjati ta' bejniethom. Marine Aquatic allura ma

aġixxietx in *mala fede* u lanqas b'qerq jew dolo jew mqar kapriċċożament meta temmet in-negozjati ma' Wildlife.

Kif proprju qalet din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ ta' Mermaid Entertainment Limited vs GO plc, tat-28 ta' Ġunju 2010:

> *"Applikati l-principji li hargu minn din ir-rassenja gurisprudenzjali, din il-Qorti tghid li ma ghandhiex tiddiskosta ruhha mil-linja traccjata minn dawn il-Qrati tul is-snin. Anke jekk fil-kaz tal-lum irrizulta li dak li kien jonqos bejn il-partijiet kien li jitfassal u jigi firmat ftehim bil-miktub, anke jekk irrizulta li fuq l-esperjenza tas-sena ta' qabel Mermaid mexxiet bit-thejjija tal-event minkejja li l-ftehim bil-miktub kien ghadu mhux konkjuz, u anke jekk irrizulta li kien biss fuq l-ghatba tal-launching li GO irtirat ghal kollox ghar-ragunijiet li fisser Franco Aloisio fix-xhieda tieghu, fl-istess waqt minn imkien ma rrizulta mill-assjem tal-provi akkwiziti li d-decizjoni ta' GO kienet motivata minn kapricc, qerq jew inkella xi att rasenti d-dolo. Ghalhekk hija l-fehma ta' din il-Qorti li ma jistghux jigu likwidati danni lil Mermaid ghal pre-contractual liability."*

Isegwi għalhekk illi Marine Aquatic ma tistax tinżamm responsabbli għat-telf li sofriet Wildlife minħabba li n-negozjati bejn il-partijiet ma wasslux għar-riżultat mixtieq.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari tal-intimata, tiċħad it-talbiet attriċi.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż jitħallsu kwantu għall-kwart mill-intimata u tlett kwarti mis-soċjetajiet attriċi.

IMHALLEF

DEP/REG